# Kunsill Lokali Il-Gżira

283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616


Ref Nru: Klg6/A37-14

12 ta’ Novembru 2014

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/37**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tlieta 18 ta’ Novembru 2014 fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ Skeda ta’ Ħlasijiet
5. *Tender GLCT004/2014 – Collection of Mixed Household Waste*
6. Affarijiet Oħra
7. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

ta’ Diċembru 2014

Seduta Nru: 37 - KUNSILL LOKALI GŻIRA

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 18 ta’ Novembru 2014 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

Is-Sinjuri:

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Charles Micallef St. John u Joseph M. Muscat flimkien ma’ l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

.

**Skużati:**

Il-Kunsillieri Vincenza Attard minħabba li kienet indisposta, Joe Camilleri minħabba li attenda għall-laqgħa tar-Reġjun u Victor Rutter minħabba li kien fuq xogħol tal-Kunsill.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-12 ta’ Novembru 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Numru 36 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

## 2. Materji Konnessi

**2.1** Paġna Nru: 3 – para 3.1.1 – Iċ-*Chairman* qal li nstabet vettura tal-marka *Skoda Station Wagon* li hi disponibbli għall-bejgħ versu l-prezz ta' €600. Din il-vettura hi meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni u esiġenzi oħra tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament din in-nefqa b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**2.2** Il-Kunsill iddeċieda li jiġi mormi l-presepju magħmul minn *pellettes* ta' l-injam minħabba li magħadux fi stat li jintuża.

**2.3** Paġna Nru: 4 para 3.3 – Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kawża miftuħa mis-Sur Christopher Mifsud kontra l-Kunsill għad-danni minnu sofferti minħabba allegati difetti fil-pedamenti tat-Triq Antonio Sammut ġiet differita għad-19 ta' Jannar 2015 fid-09.00 a.m.

**2.4** Iċ-*Chairman* ppreżenta *draft copy* tal-kuntratt ta' l-*Active Ageing Centre* u qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jieħu parir mill-konsulenti legali tiegħu.

**2.5** Il-Kunsill ġie nfurmat li d-*doggy bins* ordnati mid-ditta *OPAL* kienu ser jaslu f'Jannar 2015.

## 3. Korrispondenza

Ġiet ippreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-18 ta' Novembru 2014, kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom:

**3.1** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kor Parrokkjali 'Santa Ċeċilja' tal-Gżira qed jiċċelebra 46 sena min mindu kien iffurmat u għaldaqstant kien qed jistieden lill-membri tal-Kunsill għall-Quddiesa ta' ringrazzjament li tibda fis-6.30 p.m. u kunċert qasir li jibda fis-7.30 p.m. li ser issir is-Sibt 29 ta' Novembru 2014.

**3.2** Iċ-*Chairman* informa li l-Awdituri appuntati ġodda mill-Awditur Ġenerali kienu *Mazars* Malta.

**3.3** Inqrat *e-mail* mibgħuta mid-ditta *TCTC* dwar proġett (**LEARNIT project**) – introduzzjoni għad-dinja diġitali mirat għall-adulti, nisa tad-dar u anzjani.
Il-kors li ser ikun ta' sitt ġimgħat, sagħtejn kull lezzjoni, ser jibda fi Frar 2015, għall-ammont ta' €1,150.00.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat li dan il-kors isir kif ukoll man-nefqa sopracitata.

**3.4** Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni għat-talba li saret mill-Perit Cristina Refalo sabiex jitpoġġew mwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment 'Il Maestrale ' u 'Ristorante Romano Via Giulia' fi Triq ix-Xatt, Gżira sakemm ikollhom il-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet konpetenti.

**3.5** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ian Pace għall-talba ta' *un/loading* fi Triq Belvedere minħabba li jipparkjawlu quddiem l-*store* li minnu jħott u jgħabbi mediċini.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsill għandu jressaq din it-talba għan-nom tas-Sur Pace lit-*Transport Malta.*

**3.6** Tressaq rapport mill-Pulizija għan-nom tas-Is-Sinjura Rita D'Alfonso bagħatet rapport tal-Pulizija rigward allegata waqgħa li hija soffriet waqt li kienet niżla mill-karrozza tal-linja fi Triq ix-Xatt minħabba li kien sfronda t-*tarmac* ta' madwar *culvert grid*.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li din il-korrispondenza tintbagħat lit-*Transport Malta* biex tittieħed l-azzjoni neċessarja mill-aktar fis possibbli.

**3.7** Iċ-*Chairman* nforma li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-ħlasijiet Klg6/36 minn numru 1506 sa 1528 (*appendix* nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopraċitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat.

**5.** ***Tender GLCT004/2014 – Collection of Mixed Household Waste***

**5.1** Iċ-*Chairman* informa li minħabba l-fatt li r-rapport dwar is-suġġett sopraċitat mill-*Adjudicating Committee* kien għadu ma wasalx, din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**6. Affarijiet Oħra**

**6.1** Iċ-*Chairman* ta rendikont tal-laqgħa li kellu mas-Sur Bottiglieri tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali dwar id-dar li kienet tintuża bħala Dar ta' l-Anzjani fi Triq ix-Xatt. Kien issuġġeriet li dan is-sit jiġi addattat biex iservi bħala *respite* u *night shelter* filwaqt li s-sular ta' fuq jservi bħala Ufficċju Amministrattiv.

Filwaqt li ċ-*Chairman* qabel mal-kunċett li l-ispejjeż għall-manutenzjoni jkunu koperti mill-Kunsill, ppropona li jitlob laqgħa mas-Segretarju Permanenti jew għall-fondi Ewropej jew bis-sistema tal-*Public Private Partnership*.

Peress li l-idea għada fi stat preliminari din il-materja għandha tiġi diskussa aktar fid-dettal f'laqgħat futuri.

**6.2** Iċ-*Chairman* ppreżenta pjanti maħruġa mill-*Enemalta* dwar *trenching works* biex jagħddu *HV cables* biex isaħħu aktar id-distribuzzjoni elettrika. Huwa qal li parti mix-xogħol ser isir fit-toroq;

- Triq ix-Xatt
- Triq Reid
- Triq Carlo Manche'
- Triq Bouverie
- Triq ir-Rebħa
- Triq Manoel de Vilhena
- Triq Luqa Briffa
- Triq Sliema

Dan ix-xogħol ser isir b'mod imminenti u r-*resurfacing* ser issir mill-*Enemalta* stess.

Iċ-*Chairman* qal li f'dan l-istadju l-parti ta' Triq Manoel de Vilhena minn Triq Kubrit sa Triq D'Argens ma tibqax tagħmel parti mit-*tender* iżda ssir mill-entita' sopracitata u għalhekk kien qed jipproponi li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u l-Perit tad-ditta *Polidano Bros Ltd*. .

**6.3** Il-Kunsill ġie nfurmat li biex il-*WSC* tagħti s-servizz ta' l-ilma lir-residenti, il-bankini fi Triq Manoel de Vilhena għandhom isiru mill-ġdid. Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li ssir talba lill-Ministeru ta' l-Enerġija u Saħħa biex dan ix-xogħol isir mill-*W.S.C.*

**6.4** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-kuntratt tas-Sinjura Marion Monaco jiġi estiż sa l-aħħar ta' Diċembru 2014.

**7. Laqgħa Oħra**

**7.1** Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-6.30 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 1 ta' Diċembru 2014 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

Klg6/36 - 18.11.2014 **Data:** **05.10.2014 - 18.11.2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | BDL Ltd | € 191.25 | € 191.25 | D | Books for Public Library | 07.11.2014 | 241536 | 1506 | | | 9220 |
| 2 | J.F. Mallia Ltd | € 1,142.00 | € 1,142.00 | D | Street Light Job Nos: 351-352-353-354-355-356-357-358-359 | 06.11.2014 | 1173 | 1507 | | | 9221 |
| 3 | G4S Security Serv. Ltd | € 141.60 | € 141.60 | D | Cash In Transit - October 2014 | 31.10.2014 | GS011039 | 1508 | | | 9222 |
| 4 | Environ L/Scapes Cons. | € 2,214.29 | € 2,214.29 | T | Cleaning, Maint of soft Areas-Oct 2014 | 31.10.2014 | 011394 | 1509 | | | 9223 |
| 5 | JCA Ltd | € 1,239.00 | € 1,239.00 | Q | Accountancy Services May - Sept 2014 | 30.09.2014 | 268 | 1510 | | | 9224 |
| 6 | JJ&JM Co Ltd | € 196.90 | € 196.90 | D | Cons. Adm Office Aug - Oct 2014 | 31.10.2014 | 351224-R-S-564 | 1511 | | | 9226 |
| 7 | Noel Cesare | € 175.00 | € 175.00 | D | Attivita 29.08.2014 | 31.08.2014 | | 1512 | | | 9227 |
| 8 | ARMS LTD | € 911.17 | € 911.17 | D | Rue D'Argens-Admin- 02.08.14-10.10.14 | 04.11.2014 | 19403891 | 1513 | | | 9228 |
| 9 | ARMS LTD | € 373.41 | € 373.41 | D | Savoy Gardens - Art Room- 08.08.14-06.10.14 | 04.11.2014 | 19426372 | 1514 | | | 9229 |
| 10 | Dr. Edward Woods | € 831.00 | € 831.00 | D | Court Case C.Mifsud vs KLG & Seizure vs P.Azzopardi | 10.11.2014 | | 1515 | | | 9230 |
| 11 | EcoPure Ltd | € 17.00 | € 17.00 | D | Consumables Adm Office - 14.11.14 | 14.11.2014 | 590144 | 1516 | | | 9231 |
| 12 | GO plc | € 60.34 | € 60.34 | D | Tel 21322157 Rental charge-Nov 14 & Usage Oct 14 | 12.11.2014 | 40734603 | 1517 | | | 9215 |
| 13 | GO plc | € 20.79 | € 20.79 | D | Tel 21341616 Rental charge-Nov 14 & Usage Oct 14 | 12.11.2014 | 40734173 | 1518 | | | 9216 |
| 14 | GO plc | € 36.88 | € 36.88 | D | 21334254/21341034 Rental charge-Nov 14 & Usage Oct 14 | 12.11.2014 | 40734169 | 1519 | | | 9217 |
| 15 | Kop Tabelli u Sinjali | € 39.52 | € 39.52 | T | Job No: 10493 - traffic Signs | 29.10.2014 | 20104 | 1520 | | | 9232 |
| 16 | Alexandra Galea | € 375.00 | € 375.00 | Q | Craft Lessons - November 2014 | 30.11.2014 | 61 | 1521 | | | 9233 |
| 17 | EM Cleaning Services | € 5,590.50 | € 5,590.50 | T | Door to Door Collection November 2014 | 30.11.2014 | 148 | 1522 | | | 9234 |
| 18 | EM Cleaning Services | € 836.06 | € 836.06 | T | Public Convenience November 2014 | 30.11.2014 | 149 | 1523 | | | 9235 |
| 19 | EM Cleaning Services | € 432.87 | € 432.87 | T | Skip Hire - November 2014 | 30.11.2014 | 150 | 1524 | | | 9236 |
| 20 | EM Cleaning Services | € 1,269.04 | € 1,269.04 | T | Bulky Service - October 2014 - 232 Calls | 30.11.2014 | 151 | 1525 | | | 9237 |
| | Sub Total c/f | € 16,093.62 | € 16,093.62 | | | | | | | | |
| | Total | € 16,093.62 | € 16,093.62 | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/36 - 18.11.2014 **Data:** **05.10.2014 - 18.11.2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Felix Services & Installations | € 79.50 | € 79.50 | | D | Electrical Application Fee & Water connection | 17.11.2014 | GL-171114 | 1526 | | | 9238 |
| 22 | Ms Nathalie Camilleri | € 295.11 | € 295.11 | | Q | Librarian Services - November 2014 | 30.11.2014 | 016 | 1527 | | | 9241 |
| 23 | Vivienne Scicluna | € 375.00 | € 375.00 | | Q | Art Lessons - November 2014 | 30.11.2014 | 1 | 1528 | | | 9242 |
| 24 | | | | | | | | | | | | |
| 25 | | | | | | | | | | | | |
| 26 | | | | | | | | | | | | |
| 27 | | | | | | | | | | | | |
| 28 | | | | | | | | | | | | |
| 29 | | | | | | | | | | | | |
| 30 | | | | | | | | | | | | |
| 31 | | | | | | | | | | | | |
| 32 | | | | | | | | | | | | |
| 33 | | | | | | | | | | | | |
| 34 | | | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |
| | Sub Total c/f | € 749.61 | € 749.61 | | | | | | | | | |
| | Sub Total b/f | € 16,093.62 | € 16,093.62 | | | | | | | | | |
| | Total | € 16,843.23 | € 16,843.23 | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier